



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/2340(INI)

28.4.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fir-relazzjonijiet esterni tal-UE
(2015/2340(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Bearder

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi t-traffikar tal-bnedmin jikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tal-integrità fiżika u huwa reat bbażat fuq il-ġeneru, li jaffettwa n-nisa u l-bniet li huma ttraffikati ħafna għal skopijiet ta' sfruttament sesswali u jirrappreżentaw għadd sproporzjonat ta' vittmi; billi n-nisa u t-tfajliet jirrappreżentaw ukoll persentaġġ kbir tal-vittmi tal-forom l-oħrajn tat-traffikar tal-bnedmin bħall-isfruttament furzat fis-settur tax-xogħol domestiku u l-prestazzjoni ta' kura, il-manifattura, l-ikel, it-tindif u setturi oħra;
 - B. billi t-traffikar tal-bnedmin jista' jirriżulta mill-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali fuq livell globali u jista' jiġi aggravat ulterjorment mill-inugwaljanza soċjetali bejn in-nisa u l-irġiel; billi l-istrateġija tal-UE tidentifika l-vjolenza kontra n-nisa bħala l-kawża ewlenija tat-traffikar;
 - C. billi t-traffikar tal-bnedmin għandhu jinftiehem kemm mill-aspett tad-domanda kif ukoll mill-aspett tal-profitt, peress li l-isfruttament tan-nisa speċjalment għal servizzi sesswali huwa ġġenerat mid-domanda għal dawn is-servizzi u l-profitt li qed isir;
1. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin jibqgħu fil-qalba tal-politiki ta' żvilupp tal-UE u tas-sħubiji ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi miżuri li jqisu l-ġeneru meta jinħolqu politiki ġodda ta' żvilupp u fir-reviżjoni tal-politiki eżistenti;
 2. Jenfasizza li l-emanċipazzjoni ekonomika u soċjali tan-nisa u l-bniet tnaqqas il-vulnerabbiltà tagħhom li jsiru vittmi, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-azzjoni mmirata tagħha lejn l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet ta' żvilupp kollha u lejn l-iżguraw li din tibqa' flimkien mad-drittijiet tan-nisa fuq l-aġenda matul id-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi;
 3. Jinnota l-effett normattiv iġġenerat mill-mudell Svediż biex titnaqqas id-domanda u jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' miżuri normattivi simili fl-UE28 u fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni tagħha;
 4. Jenfasizza li d-domanda għal servizzi sesswali fil-pajjiżi żviluppanti tixpruna t-traffikar tal-bnedmin minn pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, u tqiegħed il-persuni f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, bħalma huma n-nisa u l-bniet, u jistieden lill-Istati Membri jikkriminalizzaw l-użu konsapevoli tas-servizzi ta' vittma tat-traffikar tal-bnedmin;
 5. Jissottolinja l-importanza li l-Istati Membri jikkriminalizzaw ukoll l-użu ta' kwalunkwe servizzi ta' vittma tat-traffikar tal-bnedmin miċ-ċittadini tagħhom, anki jekk tali att jitwettaq barra l-Istat Membru u/jew barra l-UE;
 6. Jenfasizza l-importanza tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikulari l-għan 5.2 li jitlob l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet fl-isfera pubblika

kif ukoll f'dik privata, inkluż it-traffikar u l-isfruttament sesswali u tipi oħra ta' sfruttament;

7. Jinnota l-importanza ta' aċċess universali għall-kura tas-saħħa, u għas-saħħa sesswali u riproduttiva, b'mod partikolari għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, li jista' jkun li jitqabdu ma' bosta problemi fiżiċi u psikoloġiċi bħala konsegwenza diretta tal-isfruttament tagħhom; jistieden lill-Istati Membri joħolqu servizzi tal-kura tas-saħħa u servizzi ta' wara l-kura li jkunu faċilment aċċessibbli għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;
8. Jistieden lill-Istati Membri li jkun fihom seħħ l-isfruttament tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin biex joffru trattament mediku adegwat u neċessarju u li jqis il-ġeneru abbażi tal-ħtiġijiet individwali, b'attenzjoni speċjali għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għal skopijiet ta' sfruttament sesswali;
9. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw miżuri li jqisu l-ġeneru bl-għan li jtejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin fil-proċeduri tal-ażil u r-ritorn, li jżommu rekords aktar dettaljati u diżaggregati skont il-ġeneru u jiżguraw li dawn il-vittmi jiġu informati wkoll dwar il-faċilitajiet ta' appoġġ xieraq;
10. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw l-istrumenti legali li jiffaċilitaw il-possibbiltajiet għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin biex jikkuntattjaw l-awtoritajiet mingħajr ma jipperikolaw is-sigurtà tagħhom stess u d-drittijiet tagħhom bħala vittma;
11. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-aġenziji kompetenti tal-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw taħriġ speċifiku li jqis il-ġeneru għall-persunal li jaħdem f'servizzi tal-infurzar tal-liġi u tal-fruntieri sabiex jidentifika u jassisti aħjar l-vittmi potenzjali tat-traffikar b'mod partikolari t-traffikar għall-isfruttament sesswali;
12. Jitlob li l-politika tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin issir aktar effikaċi billi tkun integrata b'mod aktar profond fi ħdan l-istrateġiji usa' tal-UE dwar is-sigurtà, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, it-tkabbir ekonomiku, iċ-ċibersigurtà, il-migrazzjoni u r-relazzjonijiet esterni;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, meta jsaħħu l-miżuri legali kontra t-traffikar tal-bnedmin, iwessgħu wkoll id-definizzjoni tat-traffikar tal-bnedmin permezz tal-introduzzjoni ta' mezzi ġodda ta' traffikar fl-ambitu tiegħu; jieħu nota tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament 2015/2229(INI) adottata f'Diċembru 2015 fejn il-maternità surrogata ġiet definita bħala negozjar f'korpi umani u għalhekk ekwivalenti għat-traffikar tal-bnedmin;
14. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw u jimplementaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul, peress li t-traffikar tal-bnedmin jista' jitqies bħala forma serja ta' vjolenza kontra n-nisa.
15. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin li jixhdu fil-qorti kontra t-traffikanti tal-bnedmin;
16. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jiġu miġġielda l-forom kollha tat-traffikar tal-bnedmin, b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni tal-ġeneru tat-traffikar tal-bnedmin biex b'mod speċifiku jiġu miġġielda ż-żwieġ tat-tfal, l-isfruttament sesswali tan-nisa u l-bniet u t-turiżmu sesswali; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jirduppjaw l-isforzi taħt il-Proċess ta' Kartum

billi jżidu aktar proġetti speċifiċi u jiżguraw il-parteeipazzjoni attiva ta' numru akbar ta' pajjiżi.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.4.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 1 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Catherine Bearder, Beatriz Becerra Basterrechea, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Anna Maria Corazza Bildt, Viorica Dăncilă, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Elisabeth Köstinger, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Angelika Mlinar, Maria Noichl, Marijana Petir, Pina Picierno, João Pimenta Lopes, Terry Reintke, Jordi Sebastià, Michaela Šojdrová, Ernest Urtasun, Jadwiga Wiśniewska, Anna Záborská, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Rosa Estaràs Ferragut, Kostadinka Kuneva, Constance Le Grip, Evelyn Regner, Marc Tarabella
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Julia Reid, Marco Zanni